Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Anzjan Trevor Micallef]

vs

Abu Baker Saleh Jabir

Adam Hassan Yassinu

Abubakar Abakar

Sabinu Daniel

Mohamed Abdula

Hijazi Salah

Angelo Angok

Hassan Abdel Karim

Bakar Kurishi

Mutasim Mohtar

Husaifa Ahmed

Kumpilazzjoni Numru: 288/2020

**Illum, 21 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Abu Baker Saleh Jabir detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-395, Adam Hassan Yassinu detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-396, Abubakar Abakar detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-358, Sabinu Daniel detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-415, Mohamed Abdula detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-414, Hijazi Salah detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-413, Angelo Angok detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-408, Hassan Abdel Karim detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-399, Bakar Kurishi detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-361, Mutasim Mohtar detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-378 u Husaifa Ahmed detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 20Z-363

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-29 ta' Gunju 2020 f'hinijiet differenti gewwa Hal Far Immigration Reception Centre, Hal Far, Birzebbugia u/jew fil-vicinanzi:

Volontarjament, hassru ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (2,500) (Art. 325(1)(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Mohamed Abudla u Angelo Angok wehidhom talli xewwxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat (Art. 68(1), (3) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Akkuzati kollha:

Talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma tkun giet imxewxa minn hadd in partikulari (Art. 68(2), (3) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat l-ezami tal-imputati fil-prezentata fejn huma kollha wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti datat erbatax (14) ta' Lulju 2020 fejn l-imputati wiegbu kollha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom wara li l-Qorti wissiethom l-import tal-piena applikabbli ghar-reati addebitati lilhom u tathom zmien sas-seduta ta' wara li jirregolaw ruhhom anke permezz ta' konsultazzjoni mal-avukat taghhom;

Rat illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2020 huma ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom fil-prezenza tat-traduttur u tal-avukat taghhom u b'hekk din il-Qorti ghaddiet sabiex taghtihom is-sentenza;

Rat il-fedina tal-imputati li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz li tali ammissjoni saret fi stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk din il-Qorti ser taghti piena li hija wahda fil-minimu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 68(1) (2) (3) u l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati kollha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u lil **Angelo Angok** tikkundannah piena ta' sentejn (2) prigunerija. Wara li rat l-Artikoli 325 (1)(a), 68 (2)(3) qed issib lill-imputati **Abubaker Saleh Jabir, Adam Hassan Yassinu, Abubakar Abakar, Sabinu Daniel, Mohamad Abdula, Hijazi Salah, Hassan Abdel Karim, Bakar Kurishi u Husaifa Ahmed** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom fuq ammissjoni u tikkundannhom piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija kull wiehed u lil **Mutasim Mohtar** tikkundannah piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft/Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**